ta' min ħabb u jiftakar :
u b'qalbu bierda, niesi,
jgħaddi l-warrani bla ma jħares ħarsa
fuq il-għamajra tal-poëta sieket.

* * *

Iżda l-għanja ma tmutx :
minn taħt il-għatu
tal-qabar waħdu tibqa' ħierġa safja
il-mewġa ddoqq li ġewwa qalbi ssawret
fil-ħolma ta' żgħużiti
u f'taqsim ġdid intisġet
mal-għanja li għannejt fl-aħjar ta' żmieni.
Diwi tal-għanja tal-ħolqien il-għanja
tal-poëta : minn jeddu
ma jgħannix dan l-imsaħħar.
Kif iddoqq arpa meta swaba' mħarrġa
jiġru bis-sengħa fuq il-ħjut annuna,
hekk il-poëta jgħanni,
meta tmissu l-id t'Alla :
Ħabbar tas-Sewwa, mera tas-Sbuħija,
kelmtu mis-sema, w-min fis-sema tnissel
la jixjieħ u la jmut.
Il-poëta jintemm u l-għanja tibqa'.

April-Mejju, 1927.

**Dun Karm.**

---

## INŻUL IX-XEMX

Fuq ix-xefaq fil-bogħ'd ix-xemx nieżla
ġewwa baħar ta' dija w-ta' nar ;
mill-għoljet fuq ir-raba', fuq l-wieleġ
bdiet bħal xita ħafifa taċ-ċpar.

Kollox ħmura fejn timraħ il-ħarsa
kollox sieket fuq wiċċ il-ħolqien,
biss kont tisma' kemm kemm ta' l-agħsafar
l-għana jidwi qalb ġonna w-widien.

Lejk Mulejja, kbir Alla tal-ħniena,
f'dik is-siegħa bi ħsiebi ttajjart...
oh kemm fiergħa, kemm kerha dehritli,
fejn dak ġmielek, dil-ħajja fuq l-art.

**Ġidi**

# IL-KONKORS TAGħNA

III.

## XAGħAR SAFRANI

Ilmaħtha l-ewwel darba f'għodwa minn l-isbaħ tal-ħarifa waqt li waħdi, kollni mgħaġġel, kont sejjer għax-xogħol.

Wara dik id-darba bdejt naraha ta' sikwit fit-triq tiegħi, tgħaddi minn ma' ġenbi, kollha safa u sbuħija, b'libsa sewda li tostorha kif inhu xieraq; b'mixja ħafifa, ħafifa; b'daħka ħelwa fuq xofftejha lewn il-qroll... ix-xebba tal-ħolm tiegħi !

Jiena bil-kemm kelli għoxrin sena u kull xemx ġdida kienet tkattar f'qalbi l-ġibda li ħassejt għal dik ix-xebba.

Din il-ġibda, biż-żmien, saret imħabba, imħabba l-aktar safja għal dik il-ħliqa li l-ġabra tagħha u x-xagħar minn lewn id-deheb, biddlu f'telfa ta' ras.

Hija kienet togħqod fid-djar ta' biswiti. Mhux darba kont nibqa' fit-tieqa tiegħi nħares lejn it-twieqi tal-kamra tagħha. Bosta mil-ljieli sbieħ tal-ħarifa għaddejthom bi ħbub għajnejja mwaħħla fuq il-ġiżimina li kien hemm f'ħoġor it-tieqa tagħha.

Sigħat sħaħ kont ingħaddi f'mistennija l-aktar ħelwa, nittama dejjem li nara dak il-wiċċ li daħalli f'qalbi. Kull x'ħin kont nilmaħ il-persjani jitbexxqu, qalbi kienet taqbeż bil-ferħ, iżda, wara, kont nerġa' naqa' fi dwejjaq kbar x'ħin kont nilmaħ ras oħra, ras flok ir-ras minn lewn id-deheb, ras tħares lejja x'aktar ta' sinjura b'xagħarha lewn l-irmied iebes.

Żgur kienet ommha, l-omm li basret bl-imħabba tiegħi għat-tifla tagħha.

Darba waħda, jiena u dieħel id-dar, ix-xebba tal-ħolm tiegħi kienet qiegħda wieqfa fuq il-għatba tad-dar tagħha. Għaddejt minn ħdejha u tatni ħarsa li mlietni b'ħila kbira.

Hija wkoll kienet tħobbni ?

Dħalt f'kamarti, imfawwar bil-ferħ, bix-xewqa li ngħaqqad leħni ma' l-ilħna ħelwa tal-għasafar li kienu jittajru mas-smewwiet minngħajr sħaba... kelli għoxrin sena.

Imħabba dik il-ħliqa jien għamilt il-bluhat kollha.